# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Jannar, 2002

**Numru**

**Avviz numru: 600/99mm**

**Maltacom p.l.c. (Sezzjoni Arretrati)**

**vs**

**Anthony Debono bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ghas-socjeta' Frontline Limited u b'digriet tat-13 ta' Ottubru, 1999, gie kjamat fil-kawza Joseph Tabone u b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2000, giet kjamata fil-kawza s-**

**socjeta' Budget Services Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm450.15) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numri 378716 u 378717 (skond kif jirrizulta mill-istatement Dok A).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, ta' l-ittra ufficjali tal-wiehed u ghoxrin ta' Mejju, 1998, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' kjamata fil-kawza twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' kjamata fil-kawza naqset u ma dehritx, la fis-17 ta' Jannar, 2002, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-

anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta’ kjamata fil-kawza kontra taghha.

Anthony Zammit

Deputat Registratur